**MFIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 5 ta' Frar 2025

**Il-Pulizija**

**vs**

**Melvin Debono**

(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0304591M)

**Il-Qorti,**

Rat li Melvin Debono ta' 33 sena, iben Joseph u Grace Debono xebba Bezzina imwieled Pietà, nhar 12 ta' Ġunju 1991, detentur tal-karta ta' identità bin-numru 304591M u residenti fil-fond Palm's Court, Flat 2, Triq Melita, Paola, tressaq taħt arrest u ġie akkużat talli nhar it-12 ta' Jannar 2025 ġewwa, San Ġiljan u/jew f'dawn il-gżejjer Maltin:

1) *Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares il-kundizjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat* ***Dr. Grazio Mercieca LL.D****. (illum Mħallef) fid-digriet datat nhar il- 05 ta' Settembru 2017 u/jew kif sussegwentement gie emendat li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2) *U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat (llum Mhallef)* ***Dr. Neville Camilleri LL.D****. fid-digriet datat nhar is-16 ta' Frar 2021 u/jew kif sussegwentament ġie emendat li bih inghata l-ħelsien mill- arrest taħt garanzija, u dan bi ksur tal- artikolu 579 (2) tal- Kapitolu 9 tal- ligijiet ta' Malta.*

3) *U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal- Maġistrati (Malta) hekk kif ipreseduta mill-Maġistrat (llum Mhallef)* ***Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D****. fid-digriet datat nhar id- 19 ta' Jannar 2022 u/jew kif sussegwentament ġie emendat li bih ingħata l-ħelsien mill- arrest taħt garanzija, u dan bi ksur tal- artikolu 579 (2) tal- Kapitolu 9 tal- ligijiet ta' Malta.*

4) *U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat* ***Dr. Astrid May Grima LL.D****. fid-digriet datat nhar is-17 ta' Awwissu 2023 u/jew kif sussegwentament ġie emendat li bih ingħata l- ħelsien mill- arrest taħt garanzija, u dan bi ksur tal- artikolu 579 (2) tal- Kapitolu 9 tal- ligijiet ta' Malta.*

5) *U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal- Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat* ***Dr. Lara Lanfranco LL.D.*** *fid-digriet datat nhar it- 26 ta' Settembru 2024 li bih ingħata l-ħelsien mill- arrest taħt garanzija, u dan bi ksur tal- artikolu 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal- ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tqis li l-imputat Melvin Debono bħala li hu reċidiv ai termini tal-artiklu 49 u 50 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Melvin Debono u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat u/jew tordna li is-somma marbuta jew parti minnha tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Għaldaqstant, filwaqt li l-prosekuzzjoni eżebiet il-fedina penali tal-imputat, kopja tar-rapport tal-pulizija (NPS), flimkien ma kopja tad-dettalji f'dan l-istess Melvin Debono, talbet li dan il-każ jiġi pproċessat skont il-liġi.

Semgħet ix-xiehda.

Rat l-atti kollha tal-każ odjern.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi in sostenn tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, ressqet lis-Surġent 160 Wayne Borg, is-Surġent 1436 Aryton Camilleri u l-Kuntistabbli 877 Glenn Vella li kollha xehedu li fit-12 ta' Jannar tal-2025 għall-ħabta tas-1:50am lemħu lill-imputat Melvin Debono fl-inħawi tal-Havana Club fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan, u peress li huwa kien mgħaruf mal-Pulizija u kienu jafu li kien qed jibbenefika mill-ħelsien temporanju mill-arrest, huwa ġie mwaqqaf u wara li konfermaw dwar il-kundizzjoni tar-rinkażar ma l-Għassa ta' San Ġiljan infurmawh bl-arrest u tawh b'mod verbali d-drittijiet legali tiegħu. Sussegwentement ġie nfurmat l-Ispettur John Lee Howard rigward l-arrest.

Is-Surġenti msemmija ikkonfermaw li l-imputat ma kienx waħdu iżda kien ma xi żewġ nisa u xi rġiel ukoll. Is-Surġent 160 Wayne Borg ma eskludix li waħda min-nisa setgħet kienet il-minorenni Chezyah Micallef li tressqet bħala xhud tad-difiża.

L-imputat ikkoopera mal-pulizija u ma rreżistiex l-arrest. Saret ukoll tfittxija fuq il-persuna tal-imputat iżda ma rriżulta xejn irregolari. Huwa ttieħed l-Għassa ta' San Ġiljan fejn ġie miżmum. L-għada filgħodu ittiħditlu stqarrija mill-Ispettur John Leigh Howard minn fejn jirriċulta li huwa ma nnegax li kien barra, u li kien mar hemmhekk biex jiġbor lit-tifla tal-partner Chezyah Micallef. Fix-xhieda tiegħu l-Ispettur ippreżenta l-imsemmija stqarrija flimkien ma ħames digrieti dwar ħelsien mill-arrest, u sentenza kif jingħad hawn taħt:

a. Digriet mogħti mill-Maġistrat Dr Lara Lanfranco fis-26 ta' Settembru 2024.
b. Digriet mogħti mill-Maġistrat, illum Imħallef Dr Grazio Mercieca fil-5 ta' Settembru 2017.
c. Digriet mogħti mill-Maġistrat, illum Imħallef Dr Natasha Galea Sciberras fid-19 ta' Jannar 2022.
d. Digriet mogħti mill-Maġistrat, illum Imħallef Dr Neville Camilleri fis-16 ta' Frar 2021.
e. Digriet mogħti mill-Maġistrat Dr Astrid May Grima fis-17 t'Awwissu 2023.

f. Sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-13 ta' Ottubru 2024.

Fuq suġġeriment tad-difiża li l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest tas-17 t'Awwissu 2023 ma kinux għadhom fis-seħħ peress li l-kawża kienet inqatgħet, l-Ispettur ma kienx f'qagħda li jirrispondi.

Illi sabiex tirribadixxi l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, id-Difiża filwaqt li għamlet diversi kontro-eżamijiet lix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni, ressqet lill-minorenni Chezyah Micallef. Ix-xhud, li hija t-tifla tal-partner tal-imputat, ikkonfermat li l-imputat kien mar għaliha Paceville, peress li hija kienet se torqod għandu dak il-lejl iżda ħarġet u marret Paceville, u huwa ma ridiex tmur Paceville.

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

### Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu pruvati oltre kull dubju raġonevoli, ċioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-

ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable* doubt".

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**<u>L-Ewwel sal-Ħames Imputazzjoni: ... talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal- Maġistrati (Malta) ...</u>**

Il-każ li għandha quddiema din il-Qorti jirrigwarda ksur tal-kundizzjoni dwar il-ħinijiet ta' rinkażar imposti bid-diversi digriet tal-Qorti tal-Maġistrati, fejn l-imputat tressaq u ġie akkużat bir-reat kontemplat fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 579.

Din il-Qorti ttenni li l-ħinijiet ta' rinkażar jiġu stabbiliti mill-Qorti sabiex jiġi evitat li f'ċerta ħinijiet tal-ġurnata, jew aħjar tal-lejl, imputat ma jkunx barra iżda jkun miġbur fir-residenza tiegħu, u dana peress li l-lejl jaf joffri aktar kenn lill min ifettillu ixellef difrejħ mal-ġustizzja, u jinħeba mill-id tal-ġustizzja. Għalkemm dan m'huwiex l-aktar ksur gravi ta' kundizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest, xorta għandu jitqies bħala ksur, u għandu jġib il-konsegwenzi tiegħu.

Din il-Qorti tagħmel referenza għal-każ deċiż fis-27 ta' Lulju 2010 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Gatt vs Malta** fejn l-imsemmi Gatt kien kiser il-kundizzjoni ta' rinkażar u bl-applikazjoni tal-artikolu 579(1) tal-Kapitolu 9, il-Qorti rrevokat il-ħelsien mill-arrest tiegħu u ulterjorment ikkundannatu għal ħlas tal-garanzija imposta. Fl-imsemmija sentenza ingħad:

*"The Court observes that Maltese law, in respect of the circumstances in which a bail bond will be forfeited to the Government as a result of a failure to observe bail conditions (Article 579 of the CC), makes no distinction between conditions related to the primary purpose of*

*bail, namely appearance at the trial, and conditions related to other considerations. However, it gave the authorities discretion not to apply the said provision if the breach of conditions was not of a serious nature. In the present case, where the condition breached referred to a curfew and was not connected to the primary purpose of granting bail, the Court has difficulty in understanding the authorities' decision to apply the relevant Article."*

F'dan il-każ jirriżulta li l-fatt li l-imputat kien barra waqt il-ħin li fih ġie arrestat m'huwiex kontestat. Dak li ssostni id-difiża fl-istadju tas-sottomissjonijiet finali huwa n-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tressaq lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali għal konferma dwar il-validita tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għall-artikolu 520(1)(3) tal-Kapitolu 9 li jrendi applikabbli *inter alia* l-artikoli 558 sa 662, l-artikoli 627 sa 633, u l-artikoli 635 sa 637 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikoli 562 tal-Kapitolu 12 jistabilixxi l-prinċipju li min jallega jkun mgħobbi bl-obbligu tal-prova ta' dak allegat. Il-prosekuzzjoni ġabet bħala prova kopja awtentikata tad-digrieti dwar il-ħelsien mill-arrest imsemmija preċedentement. Id-difiża ma ġabet l-ebda ombra ta' prova li dawn id-digrieti m'humiex validi.

Jingħad ukoll li l-artikolu 636(1) jipprovdi li jistgħu jinġiebu bi prova kopji awtentiċi tad-dokumenti msemmijin fl-artikoli 627, 628 u fl-artikolu 629(a), (b),(ċ), u (e). It-tieni artikolu jkompli billi jistabbilixxi li l-kopji jitqiesu awtentiċi, meta huma magħmula fil-forma li trid il-liġi mill-uffiċjal li jkun irċieva jew li jkun merfugħ għandu l-oriġinali, jew mill-persuna awtorizzata legalment għaldaqshekk filwaqt li t-tielet paragrafu jistabbilixxi li l-kopji awtentiċi jagħmlu prova xorta waħda bħall-oriġinali.

Għaldaqstant din il-Qorti tqis li peress li l-imsemmija kopji jirriżultaw awtentiċi, u ma nġiebet l-ebda prova dwar in-nuqqas ta' validità tagħhom, dawn għandhom jitqiesu bħala prova lil hinn min kull dubbju dettat mir-raġuni dwar il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. Magħdud ma dan jirriżultaw ukoll ippruvati l-elementi l-oħra tar-reat.

**Ir-reċidivita ai termini tal-artiklu 49 u 50 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta**

Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Abela Paul** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004 fejn ingħad:

*"L-appellant gie akkuzat li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-1 ta' Lulju, 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru, 2001, gie ritenut:*

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova tal-identita'.....l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova tal-identita'. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati....".*"

U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Thomas Camilleri** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-17 ta' Ġunju 2020 ingħad li:

*"Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar, 2003, intqal: "Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, **<u>l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti</u>** kif ukoll billi jigi pruvat a sodisfazzjoni tal-qorti – permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk issentenzi precedenti – li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva".*

Il-Prosekuzzjoni eżebixxiet il-fedina penali tal-imputat u ppreżentat kopja legali tas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Melvin Debono** deċiża fit-13 ta' Ottubru 2024 mil-Qorti tal-Maġistrati kif presjeduta.

Il-Prosekuzzjoni ippruvat ukoll li dawk is-sentenzi jirreferu għal imputat u dan għaliex f'dawn l-istess sentenzi hemm l-isem u l-kunjom tal-imputat u anke l-karta tal-identita' tal-imputat.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-liġi l-aggravju tar-reċidivita u sejra tqis lill-imputat bħala reċediv.

## C. Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Stabbilit dan, imiss lill-Qorti tevalwa l-konsegwenzi li jġib dan il-ksur. Dwar dan il-punt, kif sewwa semma l-abbli avukat tad-Difiża dwar id-diskrezzjoni ta' din il-Qorti, qabel xejn se ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' April 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) v. Kevin Gatt** fejn ingħad:

*"Is-subartikoli (2) sa (4) tal-Artikolu 579 – introdotti, kif inghad, permezz ta' l-Att XVI ta' l-2006 – biddlu s-sitwazzjoni billi, oltre ghall-procedura stabbilita fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 579, introducew procedura gdida. Illum il-ksur ta' kundizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet li bih tkun tat il-helsien mill-arrest jammonta wkoll ghal reat. Bhal f'kull reat il-konsegwenza hija piena. Din il-piena tista' tkun jew dik biss indikata fis-subartikolu (2) – multa jew prigunerija, jew multa u prigunerija flimkien – jew tista' tinkludi wkoll it-telfien tal-helsien mill-arrest (izda mhux il-konfiska tas-somma) fil-proceduri li fihom il-hati jkun inghata l-helsien mill-arrest preventiv. Jinghad "tista'" ghax il-legislatur ta l-fakolta` lill-Pulizija li meta jressqu lillimputat jew akkuzat – dan irid jitressaq dejjem taht arrest – talli kiser xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-qorti, huma jistghu wkoll jitolbu "fl- istess procedimenti…ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' dik il-persuna" (sottolinear ta' din il-Qorti). U jaghmel hafna sens li jkun hemm dik il-fakolta` ghax filwaqt li kull ksur ta' kundizzjoni tal-qorti, zghir kemm ikun zghir dak il-ksur, jammonta wkoll ghal reat, ghar-revoka talhelsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-persuna in kwistjoni jibqa' dejjem applikabbli l-proviso tas-subartikolu 579(1). Fi kliem iehor, jista' jkollok sitwazzjoni fejn l-imputat jew akkuzat li kien inghata l-helsien mill-arrest jinstab hati ta' ksur ta' kundizzjoni mposta mill-qorti u jinghata l-piena skond il-ligi, izda, minhabba li l-ksur tal-kundizzjoni ma tkunx ta' konsegwenza serja, ma jkunx hemm lok ghar-revoka tal-helsien mill-arrest. Kjarament il-legislatur qed jikkontempla bhala "piena" addizzjonali gharreat ta' ksur ta' kundizzjoni tal-qorti – u meta jittiehdu l-proceduri skond issubartikoli (2) u (3) ta' l-Artikolu 579 – ir-revoka tal-helsien mill-arrest bilkonsegwenti arrest mill-gdid."*

Għall-fini tal-piena l-Qorti ikkunsidrat li l-imputat għandu fedina penali kemxejn imżejna. Ikkunsidrat ukoll ċ-ċirkostanzi tal-każ u fejn kif diġà ingħad hawn fuq li għalkemm l-imputat ġie akkużat bi ksur ta' kundizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest, dan il-ksur m'huwiex l-aktar ksur gravi.

## D. Konklużjoni

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Melvin Debono, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0304591M,

ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil konfront tiegħu, u wara li rat l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tagħtu l-addebitu tar-reċidiva, in kwantu għall-piena li għandha tiġi inflitta fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif elaborat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, il-Qorti hija tal-fehma li jeżistu ċ-ċirkustanzi meħtieġa u msemmija fl-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-ħati jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation.

Għalhekk il-Qorti qiegħda tpoġġi lill-ħati Melvin Debono, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 304591M taħt Ordni ta' Probation għal perijodu ta' sentejn (2) mil-lum, b'dan li għal dan l-iskop qiegħda tordna li l-istess Melvin Debono jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole. Din l-Ordni ta' Probation hija soġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza, u spjegatlu li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' din l-Ordni u ma dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-Ordni ta' Probation, tista' tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, kif ukoll il-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas ta' adeżjoni mat-termini tal-Ordni hawn fuq imsemmi. Il-ħati iddikjara li jaqbel ma' tali Ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Probation bid-digriet tal-lum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jiġi assenjat Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 579 (2) tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li mhux se tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill arrest tal-imputat qiegħda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta:

a. tas-somma ta' ħames mitt ewro (€500) stabbilita bħala depożitu għall-ħelsien mill-arrest ai termini tad-digriet tal-Qorti Tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Onor.

Maġistrat Dr. Grazio Mercieca LL.D. fid-digriet tal-5 ta' Settembru 2017 kif sussegwentement setgħa ġie emendat;

b. tas-somma ta' ħames mitt ewro (€500) stabbilita bħala depożitu għall-ħelsien mill-arrest ai termini tad-digriet tal-Qorti Tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Onor. Maġistrat (llum Imħallef) Dr. Neville Camilleri LL.D. fid-digriet tas-16 ta' Frar 2021, kif sussegwentement setgħa ġie emendat;

c. tas-somma ta' ħames mitt ewro (€500) stabbilita bħala depożitu għall-ħelsien mill-arrest ai termini tad-digriet tal-Qorti Tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Onor. Maġistrat (llum Imħallef) Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D. fid-digriet tad- 19 ta' Jannar 2022 kif sussegwentement setgħa ġie emendat;

d. tas-somma ta' ħames mitt ewro (€500) stabbilita bħala depożitu għall-ħelsien mill-arrest ai termini tad-digriet tal-Qorti Tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Onor. Maġistrat Dr. Astrid May Grima LL.D. fid-digriet tas-17 ta' Awwissu 2023 kif sussegwentement setgħa ġie emendat; u

e. tas-somma ta' ħames mitt ewro (€500) stabbilita bħala depożitu għall-ħelsien mill-arrest ai termini tad-digriet tal-Qorti Tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco LL.D. fid-digriet datat nhar it- 26 ta' Settembru 2024 kif sussegwentement setgħa ġie emendat.

Il-Qorti tordna l-komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bil-għan li din tiġi nserieta permezz ta' nota fl-atti tal-kawżi msemmija fil-punti 'a' sa 'e' hawn fuq.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kkontemplata abbażi tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi esperti jew periti f'dan il-każ.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------